MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2008

Numru 113/2006

**Il-Pulizija
(Sp. Ramon Mercieca)**

**v**

**Jonathan Calleja ta' 23 sena bin Charles u Gemma nee Galea, imwieled Pieta' nhar it-28 ta' April, 1982 u li joqghod Flat T, Gold Metal Court, Triq il-Hgejjeg, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 249582 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Jonathan Calleja li gie akkuzat talli fis-sighat bikrin ta' nhar id-29 ta' Ottubru, 2005 gewwa l-Gharghur:

(1) bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' delitt, billi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fi-sahha, u cioe offiza ta' natura gravi fil-gisem jew fis-sahha ta' Luke Piscopo liema hsara tista' ggib debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew difett permanenti f'parti ta' l-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanenti tal-mohh, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xihaga accidentali u ndipendenti mill-vonota' ta' l-imputat u dan permezz ta' xi arma, strument jew ghodda ohra, regolari jew irregolari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez .
(2) U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, permezz ta' xi arma, strument, jew ghodda ohra, regolari jew irregolari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe offiza ta' natura hafifa fuq Luke Piscopo, skond ma gie ccertifikat mic-Centru tas-Sahha ta' Paola u dan bi ksur tal-Artikolu 2221(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Luke Piscopo u tapplika l-provedimenti tal-artikolu 383, 284 u 385 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu kif ukoll li ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-atti kollha.

Semghet il-provi.

Ikkonsidrat

Illi mill-atti jirrizulta illi fl-Iklin inqalghet glieda bejn shab Piscopo li kienu f'vettura u sewwieq ta' vettura ohra, l-

akkuzat. Din giet ikkalmata mill-Pulizija li waslu fuq il-post.

Luke Piscopo u shabu marru go bar jixorbu gewwa l-Gharghur. Kien hemm anke nstigazzjoni min-naha ta' dan il-grupp fis-sens li xihadd minnhom tgharraf lill-akkuzat li jekk ried isibhom kienu se jkunu geww bar gol Gharghur jixorbu.

L-akkuzat akkumpanjat mit-tezi hekk ghamel, anke jekk fl-istqarrija tieghu jghid li nzerta fl-istess bar b'kumbinazzjoni.

Kif iltaqghu jidher li nqalghet xi glieda, pero' fuq dan ix-xhieda xejn m'hi cara. L-akkuzat spicca wkoll aggredit. Ceratment Luke Piscopo sofra griehi, pero' hu stess ma kienx kapaci jindika min ikkagunalha dawn il-griehi li skondtu kienu ta' natura hafifa. Lanqas ma jirrizulta b'mod sodisfacenti dan mix-xhieda prodotti.

Oltre dan l-istess Piscopo rrinunzja fl-atti ghal kull proceddiment kontra l-akkuzat.

Pero' din il-Qorti, in kwantu mill-ezami tax-xhieda, ma tqisx l-akkuzi bhala sufficjentement ippruvati u qeghda tillibera lil Jonathan Calleja mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------